MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta tat-8 ta' Ottubru, 2010

Numru. 190/2007

Il-Pulizija
(Sp Angelo Gafa)
vs
Elaine Rapinett, bint Carmen Rapinett, imwielda Pieta' fit-3 ta' Frar, 1984, Karta ta' l-Identita numru 115684(M)
u
Nadia Rapinett, bint Carmen Rapinett, imwielda Attard fil-5 ta' Ġunju, 1976, Karta ta' l-Identita numru 282776(M)

Il-Qorti,
Rat l-atti tal-kompilazzjoni kontra l-imputati:
1. talli f'dawn il-Gżejjer, fit-2 ta' Diċembru, 2006, b'mezzi kontra l-liġi, jew billi għamlu użu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqdew b'qerq ieħor, ingann, jew billi wrew ħaġa b'oħra sabiex iġġiegħlu titwemmen l-eżistenza ta' intrapriżi foloz, jew ta' ħila, setgħa fuq ħaddieħor, jew ta' krediti immaġinarji, jew sabiex iqanqlu

tama jew biża’ dwar xi ġrajja kimerika, għamlu qliegħ ta’ elf u ħames mitt liri maltin (Lm1,500) għad-dannu ta’ Montaldo Insurance Agency Limited u/jew HSBC Bank plc;

2. lil **Elaine Rapinett**, waħedha:
talli fil-Belt, Valletta, fl-1 ta’ Diċembru, 2006, ikkomettiet serq ta’ tlett cheques ta’ l-HSBC Bank bin-numru 36303, 36304 u 36305, ‘ilkoll maħruġin fuq kont bankarju numru 33079609001 bi ħsara ta’ Montaldo Insurance Agency Limited;
3. talli f’dawn il-Gżejjer, f’xi perjodu bejn l-1 ta’ Diċembru 2006 u it-2 ta’ Diċembru, 2006, iffalsifikat ċedula, polza, ordni jew dokumenti oħra, illi meta jiġu preżentati wieħed jista’ jirċievi bihom ħlas, jew jieħu l-kunsinna ta’ oġġetti, jew jiġbor depozitu jew rahan minn uffiċċju pubbliku, jew minn bank jew stabiliment pubbliku ieħor imwaqqaf jew magħruf b’xi att pubbliku tal-Gvern;
4. talli fl-istess perjodu, lok u ċirkostanżi, għamlet falsifikazzjoni f’att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummerċjali jew ta’ bank privat, b’falsifikazzjoni jew b’tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi ħoloqot pattijiet, dispozizzjonijiet jew obbligi foloz jew ħelsien falz minn obbligi, jew billi daħħlet dawn il-pattijiet, dispozizzjonijiet, obbligi jew ħelsien minn obbligi f’dawk l-atti jew skritturi wara li kienu ġew iffurmati, inkella billi żiedet jew biddlet klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw;
5. lil **Nadia Rapinett**, waħedha:
talli fit-2 ta’ Diċembru, 2006, fil-Gżira, xjentement laqgħet għandha jew xtrat ħwejjeġ misruqa, meħuda b’qerq jew akkwistati b’reat, sew jekk dan sar f’Malta jew barra minn Malta, jew xjentement, b’kull mod li jkun, indaħlet biex tbiegħhom jew tmexxihom u cioe’ cheques misruqa;
6. talli fit-2 ta’ Diċembru, 2006, fil-Gżira, xjentement għamlet użu minn ċedula, polza, ordni jew dokumenti oħra falsifikati, illi meta jiġu prezentati wieħed jista’ jirċievi bihom ħlas, jew jieħu l-kunsinna ta’ oġġetti, jew tiġbor depozitu jew rahan minn uffiċċju pubbliku, jew minn bank jew stabiliment pubbliku ieħor imwaqqaf jew magħruf b’xi att pubbliku tal-Gvern;

7. talli fl-istess perjodu, lok u ċirkostanżi xjentement għamlet użu minn att, kitba jew skrittura falza;
8. lil **Elaine Rapinett**, waħedha:
talli b'hekk kisret il-provvedimenti tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta meta kkomettiet reat ieħor wara li ngħatat sentenza fefjn ġiet liberate taħt kondizzjoni li ma tikkomettiex reat ieħor fi żmien sentejn, liema sentenza ġiet mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fil-15 ta' Frar, 2005;
9. talli kkomettiet reat waqt il-perjodu operattiv ta' żewġ sentenzi sospiżi mposti fuqha mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) b'sentenzi tat-30 ta' Ġunju, 2005 u tal-5 ta' Settembru, 2005 liema sentenzi saru definittivi u ma jistgħux jiġu mibdula;
10. talli saret reċidiva skont l-artikolu 49 et seq. tal-Kodiċi Kriminali b'diversi sentenzi mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati tas-7 ta' Ottubru, 2005, tal-20 ta' April, 2005 u tal-25 ta' April, 2005 liema sentenzi saru definittivi u ma jistgħux jiġu mibdula.
Il-Qorti ġiet mitluba sabiex f'każ ta' ħtija tikkundanna lill-akkużati għal ħlas ta' spejjeż li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti jew periti fil-proċeduri skont l-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali tal-4 ta' Ġunju, 2008 fejn iddikjara li wara li ra l-atti tal-kompilazzjoni kontra l-imputati u billi jidhirlu li tista' tinsab ħtija jew ħtijiet taħt dak li hemm maħsub:
fil-konfront ta' **Elaine Rapinett**, waħedha –
1. fl-artikoli 308, 309 u 310(1)(a) tal-Kodiċi Kriminali;
2. fl-artikoli 284 u 285 tal-Kodiċi Kriminali;
3. fl-artikolu 167(1) tal-Kodiċi Kriminali;
4. fl-artikolu 183 tal-Kodiċi Kriminali;
5. fl-artikoli 7, 22, 23, 24, 25 u 26 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta;
6. fl-artikoli 28A sa 28H tal-Kodiċi Kriminali;
7. fl-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kodiċi Kriminali;
8. fl-artikoli 17, 23, 31 u 533 tal-Kodiċi Kriminali;
fil-konfront ta' **Nadia Rapinett**, waħedha –
1. fl-artikoli 308, 309 u 310(1)(a) tal-Kodiċi Kriminali;
2. fl-artikoli 334(a) tal-Kodiċi Kriminali;
3. fl-artikoli 167(3) u 169 tal-Kodiċi Kriminali;

4. fl-artikolu 184 tal-Kodiċi Kriminali;
5. fl-artikoli 17, 23, 31 u 533 tal-Kodiċi Kriminali;
bagħat lura l-atti lil din il-Qorti sabiex tiddeċidi fuq l-akkuża ta' din il-ħtija jew ħtijiet barra kull ċirkostanza oħra.

Semgħet il-provi.

Rat il-verbal tas-seduta tat-8 ta' Ottubru, 2010 fejn l-imputati ammettew l-akkużi miġjuba kontra tagħhom.

Rat is-sentenza tal-11 ta' Ġunju, 2009 li biha s-sentenza sospiża tal-5 ta' Settembru, 2005 ġiet in vigore fil-konfront ta' Elaine Rapinett.

Rat is-sentenza tat-30 ta' Ġunju, 2005 fil-konfront ta' Elaine Rapinett.

Semgħet lill-prosekuzzjoni u lill-avukat ta' l-imputati dwar il-piena.

Għaldaqstant, issib lil **Nadia Rapinett** ħatja tal-akkużi miġjuba kontra tagħha. Rat l-artikoli 308, 309, 310(1)(a), 334(a), 167(3), 169 u 184 tal-Kodiċi Kriminali u tikkundannah għal piena ta' sentejn priġunerija. Rat l-artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali u tordna li tali piena ma sseħħ ħlief jekk l-imputata tikkometti reat ieħor li għali hemm il-piena tal-priġunerija fi żmien sentejn mil-lum. Issib lil **Elaine Rapinett** ħatja tal-akkużi miġjuba kontra tagħha. Rat fl-artikoli 49, 50, 308, 309, 310(1)(a), 284, 285, 167(1) u 183 tal-Kodiċi Kriminali u l-artikolu 21 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta u tikkundannaha għal piena ta' sentejn priġunerija. Rat l-artikolu 28B tal-Kodiċi Kriminali u tordna li s-sentenza tat-30 ta' Ġunju, 2005 fejn l-imputata ġiet ikkundannata għal piena ta' sentejn priġunerija sospiżi għal sentejn għandha tibda sseħħ u

għalhekk l-imputata hi kkundannata għal piena globali ta' erba' snin priġunerija.
Fiċ-ċirkostanzi mhemm lok għall-applikazzjoni tal-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali kontra ebda waħda mill-imputati billi ma tqabdu ebda periti f'dan il-każ.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------